**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 17 ta` Gunju 2020**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Joseph Agius)**
**(Spettur Anthony Cachia)**

**Vs**

**NICHOLAS FARRUGIA**

***OMISSIS***

Kump Nru 757/2011

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati **Nicholas Farrugia** detentur ta' karta tal-identita bin-numru 0178692M u ***ommissis***, gew imressqa u;

1. **Nicholas Farrugia wahdu** akkuzat talli fl-24 ta' Gunju 2011 ghall-habta tas-01:30hrs fil-kazin u barra l-kazin tal-banda maghruf bhala tal-Werqa ta' San Gorg, f'Hal-Qormi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, f'periku car bil-hsieb li jaghmel delitt

u cioe dak ta' attentat ta' ferita gravi, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u li dan ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu, u ghalhekk darab b'oggett iebes (flixkun tal-hgieg) lil PS772 Dionysius Agius u PC1532 Mario Caruana u lil PC1410 Shaun Debono waqt il-qadi ta' dmirijiethom kif iccertifikaw Dr. Karl Spiteri, Dr. Robert Patinott u Dr. C. Refalo rispettivament;

2. Lil ***ommissis* wahdu**, talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi hebb ghal PS772 Dionysio Agius, PS1532 Maro Caruana u PC1410 Shaun Debono waqt il-qadi ta' dmirijiethom u li hedded bil-mewt lill-istess ufficjali pubblici u li ghamel hsara volontarja fl-ghassa ta' Hal-Qormi liema hsara ma tiskorrix it-€23.29 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

3. Nakkuzawh ukoll talli huwa ricediv b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Mag. Dr. Edwina Grima moghtija fit-22 ta' Novembru 2010 u ohra tal-Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D moghtija fit-22 ta' Marzu 2011 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu;

4. Nakkuzawhom lit-tnejn flimkien talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx bi vjolenza pubblika fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti bi ksur tal-Art. 95 u 96 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Nakkuzahom ukoll talli fl-istess hin, jum, lok u cirkostanzi kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'dagha, b'ghajjat u glied;

6. Nakkuzahom ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi f'post pubbliku, kienu fis-sakra u ma kienux kapaci jiehdu hsieb taghhom infushom;

7. Lil ***omissis*** wahdu nakkuzah talli fl-24 ta' Gunju 2011 ghall-habta tas-01:00hrs gewwa l-kazin tal-bocci ta' Hal-Qormi fi Triq il-Wied Qormi, minghajr il-hsieb li

joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f'periklu car ta' Chantelle Azzopardi kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Chantelle Azzopardi skond kif iccertifika Dr. Glenn Garzia, Med. Reg.no. 3226 mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ta' apparat tal-muzika ghall-valur ta' €1,758 ghad-detriment ta' Charlot Falzon u Christopher Falzon;

F'kaz ta' htija il-Qorti hija mitluba li tapplika il-provvediment tal-Ar.383(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur l-ufficjali pubblici involuti.

Rat ir-*rinvio a giudizzio* tal-Avukat Generali tat-13 ta' Mejju 2013 (ara folio 192) u l-kunsens tal-imputat sabiex din il-kawza tissokkta u tigi deciza bir-rit sommarju moghti fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2016 (ara folio 271);

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza tas-26 ta` Gunju 2018 fejn il-prosekuzzjoni kienet qed tistrieh fuq il-provi migjuba u s-sottomissjonijiet finali tad-difiza fl-udjenza tas-6 ta` Novembru 2018;

Qieset illi l-ko-imputat/*omissis* miet fil-mori ta` dawn il-proceduri propju fis-26 ta` Dicembru 2018 (ara nota pprezentata mill-prosekuzzjoni fit-2 ta` Marzu 2020 u d-dokument maghha anness), u ghalhekk din is-sentenza hi biss fil-konfront ta` l-imputat Nicholas Farrugia;

**Ikkunsidrat**;

Illi fil-qosor, dak li rrizulta f'dan il-procediment kien is-segwenti.

**L-ispettur Joseph Agius xehed** nhar is-7 ta' Lulju 2011 (a fol 20) u dan ikkonferma li fl-24 ta' Gunju 2011 kien ircieva telefonata mill-control room u gie nfurmat illi fil-klabb tal-bocci ta' Hal Qormi kien hemm glieda ghaddejha fejn certu ***omissis*** kellu xi jghid ma persuna u tefaghha mal-art u taha xeba u kisser xi Hi-Fi li hemm fil-post. Huwa flimkien ma pulizija ohra marru fuq il-post izda sabu li l-glieda kienet waqfet ghaliex lil ***omissis*** kienu harguh il-barra. Waqt illi kienu ghadhom fiz-zona, il-pulizija rcievew telefonata ohra u gew infurmati illi fil-kazin tal-banda ta' Hal Qormi maghruf bhala 'Tal-Werqa', il-kazin ta' San Gorg, kien hemm glieda ghaddejha. Il-pulizija marru fuq il-post u regu' sabu lil dan ***omissis*** u dan kien xi 1:30am. Kien imdawwar bin-nies u hekk kif il-pulizija marru biex jarrestawh, dan gie aggressiv hafna tant illi biex arrestawh u tlibsulu l-manetti, l-pulizija kellha tuza l-pepper spray.

PS539 u PS772 bdew jippruvaw jikkalmaw lil ***omissis*** u sadanittant gie huh Nicholas Farrugia minn wara u lis-Surgent capcaplu daqtejn ta' flixkun go rasu tant illi fetahlu rasu u anke kellhu jittiehed b'Ambulanza l-isptar. L-imputat Nicholas Farrugia minnufih harab minn fuq il-post u PC1410 u PS1125 marru jigru warajh u hekk kif waslu hdejh, qabad flixkun u lil PC1410 capcaplu daqqa flixkun go rasu.

Iz-zewg imputati l-ghassa separatament. L-Ispetturi Anthony Cachia u Joseph Agius gew infurmati bil-kaz u ordnaw l-arrest taghhom. Irrizulta li waqt li kien diehel l-ghassa, ***omissis*** baqa agressiv tant li hu u diehel l-ghassa bil-manetti, kisser il-hgiega ta' l-antiporta tal-ghassa u beda jhedded lill-pulizija bil-kliem li kien ser isibhom. F'dan l-incident huwa qata jdejh u beda hiereg hafna demm; il-pulizija cemplu ghall-assistenza medika. Waqt it-tehid tal-istqarrija ta' ***omissis***, kienu saru diversi allegazzjonijiet li kien gie imsawwat mill-pulizija.

**PS539 Fabian Caruana** xehed fis-7 ta' Lulju 2011 a fol. 35 tal-process u kkonferma li lkoll kienu marru fuq il-post u cioe il-Kazin ta' San Gorg, PS539, PS772, PC1410, PC1532 u PS1125. Ikkonferma li l-pulizija marru fuq il-post biex jikkalmaw u jikkontrollaw is-sitwazzjoni minhabba l-agir aggressiv ta' ***omissis*** tant li l-pulizija hasset il-bzonn li tuza il-pepper spray.

**PS772 Dennis Agius** xehed fis-7 ta' Lulju 2011 a fol. 39 tal-process u kkonferma li kien qieghed l-ghassa ghall-habta tas-1:00a.m. u inizzjalment sar rapport minn certu Chantelle Azzopardi li qalet li kien hemm argument gewwa il-klabb tal-bocci u inqala

argument ma certu ***omissis*** u li kien kisser xi apparat tad-diski. Immedjatament wara dahal persuna li identifika ruhu bhala is-security fil-kazin tal-werqa, il-kazin tal-banda ta' San Gorg Martri, fejn dan qal lix-xhud, "Surgent jiena qiegehd security il-kazin ta' San Gorg, ejjew wahda ghax hemm tat-Topper qed jaqlalna l-inkwiet u hebb ghalina".

Immedjatament, PS772 flimkien ma PS539, PS1125, PC360 u PC1532 marru fuq il post u sabu lil ***omissis*** u xi grupp ta nies ohrajn mat-tieni bieb tal-kazin, man-naha tal-lemin tal-pjazza San Frangisk. Kif mar fuq ***omissis*** flimkien ma PS539 u PC360, wara li gie indikat lilhom mis-security sabiex ikellmuh u jiehduh l-ghassa, ***omissis*** rrezista bil-qawwa. F'daqqa u l-hin is-surgent hass daqqa fuq wara ta' rasu izda inizzjalment baqa jigbed lil ***omissis*** sabiex jigbruh; wara hafna rezistenza u wara anke twissija verbali, huwa uza il-pepper spray fuq ***omissis*** sabiex irnexxielhom jikkontrollawh. F'dal-mument ix-xhud tnehha minn fuq il-post minn xi nies sabiex ikun jista jigi mmedikat ghall-feriti li sofra.

**PC1410 Sean Debono**, xehed fis-7 ta' Lulju 2011 a fol. 44 tal-process u xehed li hu kien fuq il-post u cioe fil-pjazza ta' San Frangisk qabel ma waslu l-pulizija l-ohra. Marru fuqu tnejn minn nies u huwa l-ewwel cempel ghall-assistenza li waslet fil-pront. Huwa sostna li l-imputat Nicholas Farrugia kien tah daqqa ta flixkun fuq rasu tant li kellu gundalla go rasu. Sostna li kien PS1125 li uza il-pepper spray.

**PC1532 Mario Caruana** xehed fis-7 ta' Lulju 2011 a fol. 49 tal-process u kkonferma li waqt li PS772 Dennis Agius kien qed jipprova jikkalma lil ***omissis***, ra zaghzugh iehor, li wara rrizulta li kien l-imputat Nicholas Farrugia, propju jaghti daqqa ta' flixkun lis-surgent. Sostna li kien cert li hu u PC1410 darrbu daqqa ta' flixkun ukoll waqt li kienu qed jipprovaw irazznu lil Nicholas Farrugia.

**PS1125 Alfred Mangion** xehed fis-7 ta' Lulju 2011 a fol. 53 tal-process u stqarr li waqt li kien fil-pjazza qed iressaq lin-nies li ma kellhomx x'jaqsmu mal-argument, ra lill-imputat Nicholas Farrugia jaghti daqqa ta' flixkun lis-surgent. Ix-xhud ikkonferma li kien hu li uza l-pepper spray.

**Chantelle Azzopardi** xehdet fil-11 ta' Lulju 2011 a fol. 61 tal-process fejn ikkonfermat li ghamlet ir-rapport dakinhar tal-incident u sostniet li ghalkemm ma kinitx taf jekk kienx

fis-sakra, ***omissis*** kien effettivament aggressiv hafna. Taha daqqa ta' ponn u tefaha ma l-art.

**It-tabib Dr. Robert Patiniott** xehed fil-11 ta' Novembru 2011 sabiex jivverifka li hu effettivament ezamina lil PC1410 Sean Debono fl-24 ta' Gunju 2011 fis-2:50am u kkonferma li kellu griehi hfief.

**It-tabib Dr. Carlo Refalo** xehed fil-11 ta' Novembru 2011 u kkonferma li huwa ezamina lil PC1532 Mario Caruana gewwa l-Emergenza u kkonferma li l-feriti kienu hfief.

**It-tabib Dr. Carl Spiteri** xehed fil-5 ta' Marzu 2012 u kkonferma li huwa kien qieghed l-Emergenza, Mater Dei u fit-3:00am ezamina lil Dennis Agius u sab li dan il-pazjent kien sofra ferita ta' 4 centimetri fuq in-naha tax-xellug tar-ras u tbengil taht din il-ferita, li kklassifika bhala *Slight save complications*.

**Dr Mario Scerri**, a folio 150, xehed u pprezenta r-rapport tieghu bhala Dok 6 – u kkonferma li kien ikkonstata *injuries of a slight nature*.

Dokumenti esebiti, fost ohrajn, li gew meqjusa wkoll, huma s-segwenti :

- stima tal-hsara kkawzata fuq l-antiporta ta l-injam bil-hgieg ta gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Hal Qormi ezebita a fol 169;
- Folio 15 Dok AC5 – certifikat Dennis Agius PS772;
- Folio 16 Dok AC6 – certifikat Mario Caruana PC 1532;
- Folio 17 Dok AC7 – certifikat Shaun Debono PC 1410;
- Dok 3 fol 32 PIRS report 2/C/1462/2011;
- Dok 4 fol 29 PIRS report 2/C/1463/2011;

Xehdet ukoll **Josephine Grixti** fis-17 ta' April 2018 a fol. 282, u stqarret li kienet ma ***omissis*** dakinhar tal-incident gewwa il-kazin tal-werqa ta' Hal Qormi. Tixhed li huma kienu mal-bar qed jiehdu drink u f'daqqa wahda gew il bouncers u kollha qabdu jtuh. Issostni li wara ftit gew il-pulizija u qabdu jtuh ukoll u ghamlulu l-pepper spray ma

wiccu. Ix-xhud tikkonferma li kienu diversi pulizija u li wara li mmanettjawh, haduh maghhom.

Illi fl-udjenza tas-17 ta` April 2018 l-imputati ddikjaraw li huma ma kienux ser jixhdu u li l-istqarrijiet moghtija minnhom ghandhom jitqiesu bhala li huma legalment validi u ghandhom jintuzaw bhala prova valida skond il-ligi.

**Ikkunsidrat**;

Illi minn ezami akkurat tar-rizultanzi processwali jirrizulta l'hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni illi fil-lejl u cioe ghall-habta tas-1:30 hrs tal-24/6/2011, gewwa Hal Qormi, l-imputat Nicholas Farrugia ittenta jikkawza ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PS772 Dennis Agius, PC1532 Mario Caruna u PC1410 Shaun Debono, u dana billi xejjrilhom daqqiet bi flixkun. In effetti kien PS772 li garrab l-aktar ferita' li spikkat peress illi qala daqqa ta' flixkun fuq rasu, u hareg hafna demm. Kellhom ukoll isiru xi punti biex il-ferita (ghalkemm ikklassifikata bhala hafifa) tinghalaq.

Irrizulta wkoll illi flimkien mal-ko-imputat*omissis*, l-imputat Nicholas Farrugia attakka u ghamel rezistenza fuq persuni membri tal-korp tal-pulizija; u dana kollu sehh fost dagha, ghajjat u glied. Huwa wkoll kien f'sakra liema bhala u f'post evidentement pubbliku.

B'hekk l-imputat Nicholas Farruga gie legittimament passabbli ghar-reati migjuba fl-imputazzjonijiet bin-numri (1), (4), (5) u (6).

Il-Qorti naturalment sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet bin-numri (2), (3), (7) u (8) stante li dawn inghataw biss fil-konfront ta' l-imputat*omissis*.

**Ikkunsidrat**;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-kwistjoni tas-sanzjoni, din il-Qorti tikkummenta biss illi kull att vjolenti li jsehh kontra ufficjali pubblici, specjalment membri tal-korp tal-pulizija li jkunu marru sabiex jikkontrollaw u jipprotegu nies innocenti, u waqt li allura jkunu jinsabu fuq il-*frontline*, jispiccaw fil-mira ta` atti vjolenti, ghandu jigi riskontrat bil-qawwa

li trid il-ligi u l-gustizzja. L-attakk bi flixkun, mertu ta` din il-kawza, b'liema gew ikkawzati feriti lil diversi pulizija, kien wiehed viljakk.

**Decide;**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 23, 31, 41(1)(a), 214, 216(1), 95, 96, 338(dd)(ff), 382A, 383, 384, 386, 412C u 533, ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib u tiddikjara lill-imputat Nicholas Farrugia hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-paragrafi bin-numri (1), (4), (5) u (6) u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` tlett (3) snin prigunerija.**

**Tordnalu wkoll ihallas lir-Registratur l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert\i u r-relazzjoni taghhom.**

Tordna ghalhekk li kopja ta` din is-sentenza tigi kkomunikata lir-Registratur.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur